MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1054/1999/1

**L-Avukat Dottor Carmel Chircop bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera *SARP s.n.c. di Salvalaggio***

***Versus***

***Delicatessen Products Limited***

Din hija kawża b'kontrotalba dwar il-bejgħ ta' merkanzija. Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà konvenuta għandha tagħti lis-soċjetà attriċi tmien miljuni disgħin elf u mitejn u ħamsin lira taljana (Lit 8,090,250), li jiswew bejn wieħed u ieħor elf seba' mija u sitta u tletin lira ta' Malta u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm1,736.47), bilanċ tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lis-soċjetà konvenuta. Billi għalxejn kemm-il darba sejħet lis-soċjetà konvenuta biex tħallas, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti, wara li tgħid illi s-soċjetà konvenuta għandha tagħti lill-attriċi tmien miljuni disgħin elf u mitejn u ħamsin lira taljana (Lit 8,090,250), li jiswew bejn wieħed u ieħor elf seba' mija u sitta u tletin lira ta' Malta u sebgħa u

erbgħin ċenteżmu (Lm1,736.47), tikkundannaha tħallas lis-soċjetà attriċi dik is-somma, flimkien ma' l-imgħax legali u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-6 t'April 1998.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. is-soċjetà attriċi ma għamlitx konsenja sħiħa tal-merkanzija, għalkemm kemm-il darba kienet mitluba tagħmel il-konsenja; u
2. minħabba dawn in-nuqqasijiet tas-soċjetà attriċi, is-soċjetà konvenuta ġarrbet danni li għalihom qiegħda tagħmel kontro-talba.

Fissret, għall-għanijiet tar-rikonvenzjoni, illi xtrat mingħand is-soċjetà attriċi makkinarju biex tagħmel l-għaġin iżda s-soċjetà attriċi qatt ma għamlet konsenja sħiħa tal-makkinarju, minkejja ħafna talbiet għalhekk. Partijiet essenzjali u integrali baqgħu ma ntbagħtux, u oħrajn kienu ta' speċifikazzjoni ħażina. Minħabba f'hekk is-soċjetà konvenuta qatt ma setgħet tinqeda bil-makkinarju u ġarrbet ħafna danni li għalihom għandha twieġeb is-soċjetà attriċi. Għalhekk is-soċjetà konvenuta talbet illi l-qorti:

1. tgħid illi s-soċjetà attriċi naqset milli twettaq l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tagħha billi ma għamlitx konsenja tajba u sħiħa tal-merkanzija;
2. tgħid illi, minħabba f'hekk, is-soċjetà konvenuta ġarrbet danni;
3. tillikwida dawn id-danni; u
4. tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż.

Għar-rikonvenzjoni s-soċjetà attriċi ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. hija bagħtet il-makkinarju kollu skond il-ftehim, l-ordnijiet u l-ispeċifikazzjonijiet magħmula lilha mis-soċjetà konvenuta; il-makkinarju kien skond l-i*standards* tal-manifattur u kien ukoll aċċettat mis-soċjetà konvenuta;
2. għalhekk ma hux minnu illi s-soċjetà attriċi naqset milli tħares l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tagħha; u
3. ma hux minnu illi s-soċjetà konvenuta sofriet danni minħabba xi nuqqas tas-soċjetà attriċi.

Il-fatti ġraw hekk:

Is-soċjetà konvenuta ordnat mingħand is-soċjetà attriċi makna li tagħmel l-għaġin; din kienet makna użata.

Ħallset parti mill-prezz iżda, billi dehrilha li l-konsenja ma kinitx sħiħa, żammet il-bqija.

Xehed rappreżentant tas-soċjetà attriċi u qal illi l-makna li xtrat is-soċjetà konvenuta għandha xi partijiet li huma integrali magħha u meħtieġa biex taħdem sew, u oħrajn li huma *optional extras*. Qal ukoll illi l-partijiet essenzjali kienu kollha konsenjati, u kien wara li saret il-konsenja li s-soċjetà konvenuta riedet ukoll xi aċċessorji oħrajn. Is-soċjetà attriċi kienet lesta li tikkonsenja wkoll dawn l-aċċessorji, iżda s-soċjetà konvenuta baqgħet ma ħallsitx, u għalhekk saret il-kawża.

Is-soċjetà konvenuta ma ressqitx xhieda biex twaqqa' dak li qal ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi, u l-qorti għalhekk tifhem illi l-konsenja skond l-ordni oriġinali, li għaliha qiegħed jintalab ħlas, kienet sħiħa. Lanqas ma tressqet xhieda biex issaħħaħ l-allegazzjoni tas-soċjetà konvenuta illi xi wħud mill-partijiet konsenjati ma kinux skond il-ftehim.

Billi s-soċjetà attriċi għamlet konsenja skond il-ftehim, it-talba tagħha għall-ħlas tal-prezz għandha tintlaqa'. Il-*quantum* mitlub mis-soċjetà attriċi ma hux kontestat, kif jidher minn ittra tal-5 ta' Ġunju 1996 mibgħuta mill-avukat tas-soċjetà konvenuta lill-avukat tas-soċjetà attriċi[1].

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u tiċħad ukoll il-kontro-talbiet tagħha, tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi elf seba' mija u sitta u tletin lira ta' Malta u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm1,736.47), flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] *Foll.* 16 *et seq.*